

Brussell, 29 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15666/23
ADD 1

JUSTCIV 170
JAI 1520
FREMP 337
RELEX 1347
COLAC 151

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali: Linja li għandha tittieħed dwar l-adeżjoni tal-Paragwaj - Approvazzjoni - Dikjarazzjoni kunġunta taċ-Ċekja u ta' Franza

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni kunġunta tar-Repubblika Ċeka u ta' Franza li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni komuni ta' Ċekja u ta' Franza

Iċ-Ċekja u Franza jastjenu mill-vot fuq il-linja li għandha tittieħed dwar l-adeżjoni tal-Paragwaj mal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika").

Iċ-Ċekja u Franza għad għandhom dubji dwar jekk rakkomandazzjoni għal linji gwida li għandhom jittieħdu mill-Coreper u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-adeżjoni tal-Paragwaj mal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika kif stipulat fid-dokument ST 15666/23 hijiex meħtieġa u korretta.

Huwa indikat b'mod espliċitu li l-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika taqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE, skont l-Artikolu 3(2) TFUE, sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jistgħu jaffettwaw jew jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli komuni tal-UE dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Madankollu, peress li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-notifika ma japplikawx fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri iżda biss meta jkun involut Stat terz, il-possibbiltà li jiġu affettwati jew modifikati r-regoli komuni tal-UE hija dubjuża.

Iċ-Ċekja u Franza ma jqisux din ir-rakkomandazzjoni bħala preċedent għal kwalunkwe adeżjoni oħra mal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar in-Notifika u miżuri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-għan li jirregolaw suġġetti komparabbli, fejn il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea jista' jkollha rwol iżda li ma kienx hemm qbil dwarha mill-Istati Membri.